

**Il-Ħames Ħadd tal-Għid** | Il-Ħadd 15 ta' Mejju 2022

# Aħbar **Tajba**

Atti 14, 21b-27
Salm 144 (145), 8-9.10-11.12-13ab
Apok 21, 1-5a
Ġw 13, 31-33a.34-35

"Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin.
**Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin."**

Snin ilu kien hemm żagħżugħ ta' 21 sena jismu Peter li kien involut f'inċident ikrah tat-traffiku. It-tobba qatgħu qalb il-ġenituri tiegħu li kien ser jgħix. Anke jekk b'miraklu jirnexxilhom isalvawh, ħajtu kienet se tkun f'qiegħ ta' sodda mitluf minn sensih.

Però Linda, l-għarusa tiegħu, ma qabletx xejn ma' dak li qalu t-tobba. Lejl u nhar kienet tibqa' ħdejh tkellmu, tidħaklu, tmellsu u turih li hemm min iħobbu. Għaddew tliet xhur sħaħ imma Peter baqa' ma jirrispondix. Imma hi qatt ma qagħtet qalbha. Imbagħad lejl minnhom Linda rat għajnejh jitħarrku ftit. Tgħidx kemm ferħet u ftit jiem wara beda jċaqlaq kemm kemm subgħajh. Kontra kull parir li tawha sħabha, Linda waqfet mix-xogħol u kienet tqatta' sigħat sħaħ tħaddimlu dirgħajh u saqajh. Wara bosta xhur Peter ħareġ mill-koma u meta ntbagħat lura d-dar, Linda nefqet kważi kull ma kellha biex tibbukkjah għal pool u t-terapija li kellu bżonn biex ikompli jirkupra. B'ħafna mħabba u paċenzja waslet il-ġurnata li Peter reġa' beda jitkellem. Kienet kelma għajjiena imma tinftiehem ċara u bil-mod il-mod Peter reġa' beda jitkellem b'mod normali. Anke saqajh bdew jissaħħu u għalkemm kien għadu juża żewġ bsaten imma issa reġa' beda jimxi. Wara sentejn Peter talab lil missier Linda biex jiżżewwiġha. Kulħadd mar għat-tieġ, ħbieb, familjari u saħansitra xi ġurnalisti bil-kameras. Peter kien irnexxielu jirbaħ ostaklu li ħadd ma basar li seta' jintrebaħ. Illum Peter nistgħu ngħidu li rebaħ kull xkiel li kellu u bil-mod jirnexxilu jagħmel kollox. L-imħabba ta' Linda kienet tassew tatu ħajja ġdida.

Fil-Vanġelu tal-lum Ġesù jkellimna fuq dan it-tip ta' mħabba. Mhux l-imħabba tal-kartolini imma l-imħabba li tagħmel kollox. Ġesù dan il-kliem qalu ftit sigħat qabel ma bdiet il-passjoni tiegħu. Kien jaf minn xiex kellu jgħaddi imma l-imħabba tiegħu kienet akbar mit-tbatija li kellu quddiemu. Ġesù f'dawn l-aħħar mumenti ta' ħajtu qed jgħid lill-appostli li l-aktar ħaġa importanti hi l-imħabba vera. Fuq din irid jibni l-Knisja tiegħu. "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi... jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom."

F'din is-sena tal-ħniena jeħtieġ li nerġgħu niskopru din l-imħabba mill-ġdid. Mhux l-imħabba ta' dawk li għandek bżonnhom għax se tieħu xi ħaġa lura mingħandhom imma li twasslek tagħmel sagrifiċċju għax tieħu gost tara lill-oħrajn kuntenti.

## Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kliem moħbija:
ĠUDA, ĊENAKLU, BIN, BNIEDEM, KMANDAMENT, ĠDID, ĦOBBU, XULXIN, DIXXIPLI.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | E | R | T | Ż | Ċ | A | K | L | I |
| Ħ | O | B | B | U | E | Ħ | M | I | D |
| X | U | L | X | I | N | D | A | B | I |
| T | A | Ġ | U | D | A | E | N | E | X |
| A | F | D | A | Ċ | K | M | D | R | X |
| GĦ | E | I | M | U | L | T | A | A | I |
| N | A | D | H | E | U | R | M | O | P |
| Z | B | N | IE | D | E | M | E | W | L |
| Ż | I | D | A | G | GĦ | A | N | B | I |
| P | N | F | Ċ | IE | F | A | T | X | U |





## L-Opri tal-Ħniena

Meta nkitbu dawn l-Opri tal-Ħniena, in-nies kienu jħobbu jużaw numri li għandhom tifsira speċjali kif ukoll kienu jħobbu s-simetrija. Għalhekk għandna lista ta' sebgħa marbutin mal-ġisem u sebgħa oħra marbutin mar-ruħ. Is-sebgħa huwa numru li jfisser perfezzjoni u x'hemm aktar perfett milli nkunu nies ta' ħniena?

Lil hinn mil-listi, l-opri tal-ħniena huma l-marka tagħna l-Insara. Fl-Evanġelju ta' San Ġwann naqraw: "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom" (13, 35). U kif nistgħu ngħixu din l-imħabba ta' bejnietna jekk mhux bil-ħniena? Fl-Evanġelju ta' San Mattew Ġesù jwegħedna li dawn li jħennu jidħlu fis-Saltna tas-Smewwiet. "Ejjew, mberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna... Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni." (25,34-36).

Is-sigriet tal-ħajja Nisranija hi li nagħrfu kif ngħixu din il-ħniena fil-ħajja ta' kuljum tagħna. Nibdew mid-dar għax kif jgħid il-qawl ingliż 'charity begins at home'. Ejjew ma nkunux persuni li d-dar nieħdu biss. Nagħtu daqqa t'id. M'hemmx bżonn affarijiet kbar. Nibdew billi nżommu l-kamra tagħna ordnata u wara li nieklu naraw li ma nħallux mandra. Tinsewx li l-isbaħ apprezzament li nistgħu nagħtu lil dawk li jieħdu ħsiebna hi li ngħinu ftit fix-xogħol tad-dar. Imbagħad hemm sħabna li magħhom nistgħu nuru ħniena kbira. Jekk hemm xi ħadd li jsib xi suġġett diffiċli li inti fhimtu ipprova għinu. Jekk tara lil xi ħadd mwarrab toqgħodx tiddejjaq issir ħabib tiegħu u tistiednu jingħaqad miegħek u ma' sħabek.

Dan hu biss il-bidu. Hekk kif nibdew nipprattikaw il-ħniena, se nibdew nindunaw b'aktar nies li nistgħu nuru ħniena magħhom. Imma fuq kollox se nitgħallmu xi ħaġa ferm akbar. Aktar ma ngħinu u nagħmlu karità, aktar se nħossuna kuntenti u nirċievu għajnuna mingħand oħrajn. Għaliex kif qalilna San Franġisk: "Aktar ma nagħtu, aktar naqilgħu!"


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq



**info@sayitmalta.com**

Grazzi.



**Promozzjoni**

**Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**